# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 27**

**Rikors numru 720/06/1 AF**

**Shoe Market Retail Shops Limited (C-35727) u b'ordni tal-Qorti b'digriet tad-19 ta' Mejju 2010 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju li jrid jiġi jaqra "Shoe Market Retail Stores Limited" (C-35727) minflok "Shoe Market Retail Shops Limited"**

**v.**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota fil-verbal tat-23 ta' Lulju 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, "Enemalta plc" qed tassumi l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-kumpanija attriċi Shoe Market Retail Stores Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu, 2019, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha

u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra ċaħdet it-talbiet kollha tal-istess attriċi bl-ispejjeż kontriha;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni. L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-Korporazzjoni (illum soċjetà) konvenuta sabiex tħallas kumpens għat-telf ta' qligħ li l-attriċi tgħid li sofriet fis-Sajf tal-2006 konsegwenza ta' xogħlijiet li kienet qiegħda tesegwixxi l-konvenuta fuq art pubblika viċin tal-ħanut tagħha.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi tiġġestixxi numru ta' ħwienet taż-żraben. Fil-bidu ta' April tal-2006, hija ħadet b'kirja binja ta' tlett sulari fl-Imsida li għandha aċċess minn fuq żewġ toroq, waħda minn Triq il-Wied, u l-oħra minn service road li tinsab fil-livell ta' Triq Reġjonali, u ċioè l-bypass ta' Santa Venera. Din is-service road hija aċċessibbli kemm minn Triq il-Wied kif ukoll mill-imsemmija bypass. Il-kirja kienet għal sena iżda effettivament damet biss madwar tmien xhur.*
>
> *L-attriċi kienet tuża biss it-tielet sular ta' din il-binja, u ċioè dik li tiġi mal-bypass ta' Santa Venera. Mill-entratura ta' Triq il-Wied, l-aċċess ma kienx daqstant komdu għall-klijenti għax riedu jitilgħu żewġ sulari taraġ peress li lifts ma kienx hemm. Madwar xahrejn wara li fetaħ il-ħanut, u ċioè għall-ħabta tal-aħħar ta' Mejju 2006, Mark Micallef, direttur tal-attriċi, jispjega li sar jaf illi l-konvenuta kienet se tagħmel xi xogħlijiet fil-viċinanzi tal-ħanut. Dawn ix-xogħlijiet, sa fejn jinteressaw lill-attriċi, kienu jikkonsistu fl-iskavar ta' biċċa art pubblika li tinsab ħdejn l-entratura tal-ħanut li qiegħda fil-livell tal-bypass. Din iż-żona kienet tintuża mill-klijenti tal-attriċi sabiex jipparkjaw il-vetturi tagħhom. Ma jirriżultax illi din l-art pubblika hija uffiċjalment indikata bħala post ta' parkeġġ mill-awtoritajiet. Sabiex tesegwixxi x-xogħlijiet, il-konvenuta inkarigat kuntrattur u ċioè lis-soċjetà Rock Cut Limited.*
>
> *Ix-xogħol li kellu jsir kien parti minn proġett akbar li kien jikkonsisti fl-estenzjoni ta' mina eżistenti sabiex twassal il-provvista ta' elettriku lill-isptar Mater Dei u lill-Università kif ukoll sabiex tissaħħaħ il-provvista f'inħawi oħra. Il-proġett kollu kellu jdum madwar sena imma fir-realtà dam sena u xahrejn b'dan illi x-xogħlijiet li saru fil-viċinanzi tal-ħanut tal- attriċi damu xahrejn u ċioè mill-10 ta' Ġunju sal-11 ta' Awwissu 2006. Minkejja li fl-affidavit tiegħu Mark Micallef jgħid illi x-xogħlijiet damu sa madwar Ottubru, il-kont a fol. 798 mibgħut minn Rock Cut Limited lill-konvenuta li huwa datat 23 ta' Awwissu 2006 juri mod ieħor.*

*L-inġenji u trakkijiet kienu jaċċessaw is-sit ukoll minn Triq il-Wied peress li l-entratura tal-mina qiegħda hemmhekk. Jidher li għal xi perjodu ta' żmien kien ikun hemm ġebel kbir quddiem l-entratura tal-istabbiliment minn Triq il-Wied u anke xi inġenji u trakkijiet li tħallew hemm. Jirriżulta wkoll li waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol fil-viċinanzi tal-ħanut tal-attriċi, il-kuntrattur laqat xi cables u l-attriċi għamlet ftit żmien mingħajr linja tat-telefon.*

*L-attriċi tgħid illi x-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenuta jew persuni inkarigati minnha kkawżawlha danni konsistenti f'telf ta' introjtu minħabba li l-parkeġġ ta' quddiem l-istabbiliment minn naħa tal-bypass ingħalaq kollu b'mod illi l-klijenti ma setgħux jaċċedu għal ħanut u li saħansitra għal xi żmien kienu ingumbrati kompletament iż-żewġ entraturi għall-ħanut fl-istess ħin. Hija tallega wkoll li x-xogħlijiet damu aktar milli kien hemm bżonn peress illi l-kuntrattur għamel xi żmien wieqaf. L-attriċi tilmenta li minħabba f'hekk hija spiċċat ma setgħetx tbiegħ l-istock illi kienet ordnat speċifikament għal dak il-ħanut, liema stock spiċċat kellha tarmih.*

*Huma rilevanti għall-kawża tal-lum is-segwenti artikoli tal-Kodiċi Ċivili:*

> *"1030. Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.*
>
> *"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*
>
> *1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*
> *(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.*
>
> *1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*
>
> *1037. Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi."*

*In linea ta' prinċipju ġenerali, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ Chef's Choice Limited vs Onorevoli Prim Ministru et (29 ta" Marzu 2017) f'ċirkostanzi simili: "L-iskrutinju li jrid isir mill-Qorti meta tkun rinfaċċjata b'allegazzjonijiet ta' danni konsegwenza ta' xogħlijiet infrastrutturali mwettqa fil-viċinanzi, bħall-każ odjern, huwa li teżamina l-aġir ta' dik l-entità pubblika fdata b'dawk ix-xogħlijiet, f'dan il-każ l-Awtorità konvenuta, sabiex tistħarreġ jekk l-aġir tagħha kienx raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, jew jekk l-aġir tagħha jonqosx minn dik il-*

*prudenza u diliġenza meħtieġa minn bniedem ordinarju, li xxaqleb lejn negliġenza li għaliha trid tirrispondi."*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, jeħtieġ illi jiġi pruvat illi l-konvenuta kolpożament u negliġentement ma ħaditx il-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias mistennija minnha, biex tassigura li ma jiġux kawżati danni lis-soċjetà attriċi. F'dan il-kuntest, kawża oħra li kellha ċirkostanzi simili u li hija ferm rilevanti għall-mertu tal-lum hija dik fl-ismijiet Fiorino d'Oro Co. Limited vs Direttur tat-Toroq, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Jannar 2003 fejn intqal hekk:*

> *"Fil-kuntest ta' Government Liability, l-ordinament guridiku Malti ma jikkontemplax is-sistema, kif adoperata f'certi pajjizi Ewropej, li l-Gvern ghandu dejjem jikkompensa lill-privat ghall-iskomdu li johloqlu fl-esekuzzjoni ta' progett fl-interess nazzjonali. L-argument f'dawn il-pajjizi hu li jekk, fl-interess tal-poplu in generali, hu mehtieg li jitwettaq progett, dak l-istess poplu (kif rappresentat mill-Gvern) irid jikkumpensa lill-individwi ghal-hsara jew skomdu li dak il- progett, fih innifsu, ikun garrabblu. L-interessi tac-cittadini m'ghandhom isofru qatt pregjudizzju, lanqas minhabba progett ta' interess nazzjonali, u jekk jirrizulta dan il-pregudizzju, irid jigi kumpensat. Ic-cittadin li jitlob kumpens mhux mehtieg juri xi negligenza, traskuragni jew xi forma ta' arbitrarjeta` da parti tal-awtoritajiet tal-Gvern, izda jehtieglu juri biss pregudizzju, u jekk juri dan, ikollu dritt ghall-kumpens, anke jekk il-progett ikun gie esegwiet bid-diligenza kollha necessarja. Kif inghad, pajjizna ghadu ma adoperax din is-sistema, u l-kuncett tar-responsabilita` tal-Gvern hi bazata, bhal dik tac-cittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kwazi-delitt kif kontemplat fl-artikolu 1029 et seq tal-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli ghad-danni irid ikun agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li "jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu" – artikolu 1030 Kodici Civli. Fil-kawza "Xuereb et vs Micallef et", deciza minn din l-Qorti fit-03 ta' Ottubru, 1953, intqal li "Id-dispozizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabili tal-hsara li tigri bi htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghal-Gvern; u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregjudizzju lit-terzi" (ara ukoll "Apap Bologna vs Borg Olivier", deciza minn din il-Qorti fis-06 ta' Frar, 1958; "Zahra vs Direttur Xogholijiet Pubblici" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-03 ta' Dicembru, 1991; u, aktar, "Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2001)."*

*Fil-każ in kwistjoni, m'hemmx dubju li x-xogħlijiet riedu jsiru għaliex il-konvenuta riedet tieħu ħsieb li twassal il-provvista tal-elettriku sa l-isptar il-ġdid u ssaħħaħ il-provvista għal żoni oħra. Il-konvenuta għandha l-jedd kif ukoll id-dmir illi tagħmel dawn ix-xogħlijiet sabiex jitwettqu proġetti fl-interess nazzjonali. Huwa mistenni li proġetti ta' dan it-tip ser jieħdu ċertu żmien u xi ftit jew wisq ser joħolqu wkoll inkonvenjent liċ-ċittadin.*

*F'każ bħal tal-lum, ir-responsabbilta` tal-konvenuta tidħol biss jekk ikun hemm nies qed isofru preġudizzju akbar milli huwa raġjonevolment meħtieġ.*

*Kif proprju kompliet tgħid il-Qorti:*

> *"Il-Gvern ta' Malta mhux normalment obbligat li jhallas kumpens ghas-semplici kaz li wettaq progett li rrizulta ta' pregjudizju ghal xi cittadin, izda ghal meta, fit-twettieq ta' dak il-progett, ikun agixxa bla qies. Kwindi, ghaz-zmien li kien mehtieg biex dan il-progett jitwettaq, il-Gvern mhux tenut ihallas kumpens, ghax fis-sistema taghna, ic-cittadin irid isofri dan it-telf fl-interess tas-solidarjetà socjali."*

*Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti permezz ta' deċiżjoni datata 17 ta' Frar 2006 fejn żiedet tgħid hekk:*

> *"Kull persuna – u ghalhekk anke il-Gvern – li tezercita jedd li jkun lilha jispetta ghandha tezercita dak il-jedd b'mod ragjonevoli u ghalhekk b'mod li, safejn hu possibbli, ma jikkagunax hsara lil terzi. Meta tali jedd ma jigix ezercitat b'mod ragjonevoli u per konsegwenza jikkaguna hsara lil terzi, allura l-ezercizzju ta' dak id-dritt ma jkunx "fil-qies li jmiss", bil-konsegwenza li min jezercita dak id-dritt b'dak il-mod ikollu jwiegeb ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu proprju ghax dak l-uzu jkun iddegenera f'abbuz."*

*Din il-Qorti, filwaqt illi taqbel perfettament mal-prinċipji appena enunċjati, issib illi kuntrarjament għaċ-ċirkostanzi fil-każ ta' Fiorino d'Oro, fil-każ tal-lum, l-attriċi ma ġabitx prova ta' xi nuqqas fl-esekuzzjoni tal-obbligi tal-konvenuta, li fiż-żmien rilevanti kienet entità tal-Gvern.*

*Il-Qorti ftit li xejn għandha dubju li x-xogħlijiet in kwistjoni kellhom impatt negattiv fuq in-negozju tas-soċjetà attriċi. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi awtomatikament il-konvenuta għandha twieġeb għad-danni. L-attriċi ma ressqitx prova ta' xi negliġenza, nuqqas ta' prudenza jew diliġenza da parti tal-konvenuta jew tal-kuntrattur fil-qadi tad-doveri tagħhom. Anzi, jirriżulta mill-provi li fuq talba tal-attriċi, ix-xogħol beda xahar wara li kien ippjanat li jibda sabiex il-konvenuta ma ttellifx lill-attriċi mill-bejgħ fil-bidu tal-istaġun. Kif jispjegaw ix-xhieda li ressqet il-konvenuta, ix-xogħol kellu bilfors isir fl-istaġun tas-Sajf minħabba problemi ta' għargħar f'Triq il-Wied f'każ ta' xi maltempata.*

*Din il-Qorti tqis illi perjodu ta' xahrejn sabiex sar ix-xogħol ta' skavar fiż-żona mhuwiex esaġerat. L-attriċi ma ġabet l-ebda prova tal-allegazzjoni tagħha li kien hemm xi żmien illi x-xogħlijiet waqfu kompletament. Lanqas jista' jingħad illi l-konvenuta ħarġet mill-limiti meta qabżet it-terminu ta' sena għall-proġett kollu b'madwar xahrejn. Fil-fehma tal-Qorti dan iż-żmien mhux wieħed irraġjonevoli u ma jirriżultax illi kien dovut għal xi kapriċċ jew traskuraġni da parti tal-*

*konvenuta jew tal-kuntrattur inkarigat minnha. Il-Perit Mario Scicluna spjega li x-xogħlijiet li saru fil-viċinanzi tal-ħanut damu biss ftit aktar milli kien mistenni għaliex il-kuntrattur irriskontra xi problemi minħabba l-pedamenti tal-pont ta' Triq Reġjonali. Mill-provi rriżulta li l-konvenuta u l-kuntrattur inkarigat minnha kellhom kull raġuni biex iħaffu l-fażi tax-xogħol li kellu jsir fil-wied tal-Imsida u l-madwar għaliex kif diġà ntqal dan ried jitlesta fis-sajf minħabba l-maltemp.*

*Fid-dawl tal-fatt illi kemm ir-rappreżentanti tal-konvenuta kif ukoll dawk tas-soċjetà Rock Cut Limited ċaħdu l-allegazzjoni tal-attriċi li huma qatt wegħdu li ma kienux ser jagħlqu l-parkeġġ kollu, din il-Qorti tqis illi l-attriċi ma rnexxilhiex turi li verament il-konvenuta assumiet dan l-obbligu.*

*Skont ma spjega l-Perit Scicluna, il-mod li kellu jsir ix-xogħol lanqas kien jippermetti li jsir hekk u kif diġà ntqal, jidher li kien hemm ċertu għaġġla biex jitlesta x-xogħol minħabba l-maltemp.*

*Filwaqt illi Mark Micallef u x-xhud Josephine Caruana, li dak iż-żmien kienet il-partner tiegħu, isostnu li kien hemm ġimgħa fejn l-istabbiliment kellu jagħlaq kompletament, din l-allegazzjoni mhux sostnuta bil-provi.*

*Mir-ritratti u pjanti esebiti, jirriżulta l-Qorti illi fl-ebda waqt ma ġew ingumbrati kompletament l-entraturi tal-ħanut. Fil-fatt, numru ta' ritratti jidhru li huma meħudin mill-bejt tal-istabbiliment minn fejn jidher illi l-vann tas-soċjetà attriċi kien ipparkjat quddiem il-ħanut fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet.*

*Fil-fatt, mill-pjanta esebita mill-Perit Scicluna, jirriżulta li l-entratura tal-istabbiliment mill-livell tal-bypass hija fil-ġenb tal-binja u allura minkejja li riedu jgħaddu l-inġenji u trakkijiet minn quddiem l-entratura, ix-xogħol ma kienx qiegħed isir hemm iżda aktar 'l ġewwa fejn kien u għad hemm biċċa art żgħira li tintuża bħala parkeġġ.*

*Din il-Qorti hija sodisfatta li ħlief forsi għal xi ftit siegħat f'okkażjonijiet rari, aċċess pedonali dejjem kien hemm għaż-żewġ entraturi tal-istabbiliment. Huwa veru li l-klijenti ma setgħux jipparkjaw il-vetturi tagħhom fuq dik l-art pubblika fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet kif kienu jagħmlu s-soltu, imma wieħed ma jridx jinsa li l-aċċess għall-ħanut mill-livell tal-bypass huwa tramite service road fejn il-klijenti setgħu faċilment jipparkjaw il-vetturi tagħhom u jimxu ftit passi sal-entratura tal-ħanut.*

*Dwar l-entratura ta' Triq il-Wied, huwa minnu li għal xi żmien jidher li kien hemm l-inġenji u ġebel kbir quddiem il-bieb u forsi dak li jkun ma jarax il-vetrina tal-ħanut moħbi warajhom, iżda hawnhekk ukoll jidher li x-xogħlijiet dejjem ippermettew imqar passaġġ bil-pass mit-triq għal kull min ried jidħol fil-ħanut.*

*Huwa minnu wkoll li xi klijenti setgħu qatgħu qalbhom milli jidħlu mill-entratura ta' Triq il-Wied minħabba li imbagħad riedu jitilgħu żewġ sulari taraġ sabiex jaslu fil-ħanut, imma l-attriċi naqset milli tispjega għalfejn f'dak il-perjodu m'għamlitx arranġamenti biex topera mis-sular t'isfel li jiġi livell ma Triq il-Wied. Mir-ritratti esebiti jidher li effettivament il-mod kif kienu qegħdin on display iż-żraben kien jikkonsisti f'numru ta' kaxxi taż-żraben fuq xulxin bil-mudell partikolari taż-żarbun muri fuq nett. L-attriċi setgħet faċilment armat kollox fil-livell t'isfel anke jekk b'mod temporanju sakemm tlestew ix-xogħlijiet. Id-danneġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu raġjonevoli sabiex inaqqas il-ħsara u jimmitiga t-telf li jkun ġarrab.*

*Finalment, filwaqt illi mhux kontestat mill-konvenuta li meta kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet in kwistjoni l-kuntrattur laqat xi cables bil-konsegwenza li l-attriċi għamlet xi żmien mingħajr sistema tat-telefon, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova ta' danni li kienu konsegwenza diretta ta' dan l-inċident.*

*Isegwi għalhekk illi ma ġiex ippruvat in-ness ta' kawżalità meħtieġ bejn l-aġir tal-konvenuta u d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi. Sabiex il-konvenuta tinstab responsabbli għad-danni, kien meħtieġ illi l-attriċi tipprova li kien hemm xi aġir imprudenti, negliġenti u mingħajr il-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, għaliex ġaladarba, a tenur tal-Art. 1030, il-konvenuta għamlet użu ta' jedd tagħha fil-qies li jmiss, ma tweġibx għall-ħsara li tiġri b'dak l-użu.*

*Il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi li qiegħda tippretendi li l-konvenuta għandha tinżamm responsabbli għat-telf ta' qligħ illi ġarbet konsegwenza tal-fatt biss li saru dawn ix-xogħlijiet fil-viċinanzi tal-istabbiliment tagħha. Din il-Qorti terġa' ttenni li għalkemm jirriżulta li meta kienu qegħdin isiru x-xogħljiet tassew li l-attriċi rat nuqqas ta' qligħ, il-konvenuta m'għandhiex twieġeb għad-danni peress li ma jirriżultax illi dawn id-danni seħħew minħabba negliġenza, nuqqas ta' prudenza jew diliġenza da parti tagħha jew il-kuntrattur inkarigat minnha.*

*Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta" u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha*";

3. Il-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") ma qablitx ma' din is-sentenza u għar-raġunijiet li ġew imfissra minnha fir-rikors tal-appell imressaq fl-10 ta' April, 2019, talbet lil din il-Qorti sabiex: "*tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu 2019 ... u*

*konsegwentement tilqa' it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati*";

4. Il-korporazzjoni mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellata") laqgħet għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnha fit-2 ta' Mejju, 2019, talbet lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tiċħad l-appell u dan bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

5. Fis-seduta li nżammet quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2023, l-avukati rispettivi tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn xi jżidu mal-atti tal-appell, u wara li l-Qorti ħadet qies tal-argumenti tal-partijiet, rat l-atti kollha tal-kawża, u qieset dan kollu fid-dawl tas-sentenza appellata, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. Din hija kawża dwar tilwima li l-bidu tagħha jeħodna lura għall-ħabta tas-sajf tas-sena 2006, li matulu l-korporazzjoni appellata wettqet xogħlijiet ta' natura infrastrutturali li permezz tagħhom ittawlet mina li kienet diġà għaddejja minn taħt Santa Venera, għal ħdejn l-inħawi tal-Università ta' Malta, u dan bil-għan li tkun tista' tittejjeb il-provvista tad-dawl f'dawk in-naħat, speċjalment minħabba l-bini tal-Isptar *Mater Dei*, li

f'dawk iż-żminijiet kien għadu ma tlestiex[1]. Jirriżulta li waħda mill-fażijiet ta' dak il-proġett kienet tinkludi t-tħaffir ta' parti minn '*service road*' biswit '*showroom*', li minnha l-appellanti kienet tħaddem negozju tal-bejgħ taż-żraben, u li dak iż-żmien kellha żewġ daħliet: waħda minn Triq il-Wied fl-Imsida, u l-oħra mis-'*service road*' imsemmija, li tagħti għal Triq Reġjonali, u li wieħed jista' jaċċedi għaliha minn Triq il-Wied. Filwaqt li qalet li hija kienet oriġinarjament ftehmet mal-korporazzjoni mħarrka biex dawk ix-xogħlijiet jitwettqu gradwalment u b'tali mod li dik il-parti tas-'*service road*' ta' quddiem id-daħla tal-ħanut, li kienet tintuża bħala parkeġġ mill-klijenti tagħha, ma tinqalax f'daqqa, ilmentat li l-korporazzjoni mħarrka mhux biss ma żammitx ma' dak il-ftehim, iżda saħansitra xekklet l-aċċess għall-ħanut tagħha mid-dħul ta' Triq il-Wied[2]. Fissret li n-nuqqas ta' attenzjoni fil-mod ta' kif twettqu x-xogħlijiet min-naħa tal-korporazzjoni, wassluha biex tilfet ħafna mill-bejgħ, bil-konsegwenza li ġarrbet kemm telf ta' qligħ, kif ukoll danni oħrajn, bħal telf ta' spejjeż li ntefqu fir-reklamar, u t-telf tal-valur tal-istokk staġjonali li kellha fil-ħanut f'dak il-perjodu u li, fi kliemha, ma setax jinbiegħ fis-snin ta' wara billi tkun għaddiet il-'*moda*' tiegħu[3]. Fid-dawl ta' dan kollu, il-kumpanija attriċi talbet lill-Qorti sabiex wara li ssib lill-korporazzjoni mħarrka responsabbli għall-ħlas tad-danni li tgħid ġarrbet u li baqgħet iġġarrab, tillikwida dawk id-danni u tikkundanna lill-istess korporazzjoni sabiex tħallasha dawk id-danni[4];

---

[1] Ara x-xhieda tal-Perit Mario Scicluna, mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu, 2011, f'paġna 562 tal-proċess, kif ukoll l-affidavit tal-Inġinier Peter Grima, f'paġna 615 tal-proċess.
[2] Ara t-tielet u r-raba' premessi tar-rikors maħluf f'paġni 1 u 2 tal-proċess.
[3] Ara l-ħames premessa tar-rikors maħluf, f'paġna 2 tal-proċess.
[4] Ara t-talbiet tar-rikors maħluf tal-kumpannija attriċi, f'paġna 2 tal-proċess.

7. Min-naħa l-oħra, il-korporazzjoni appellata laqgħet għax-xiljiet tal-kumpanija appellanti billi bi tweġiba maħlufa tal-5 ta' Settembru, 2006,[5] fissret li x-xogħlijiet imwettqa minnha mhux biss saru skont il-permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti iżda, fuq kollox, fl-interess pubbliku. Qalet li x-xogħlijiet li saru f'dik il-parti tas-'*service road*', li l-kumpanija appellanti rreferiet għaliha bħala 'parkeġġ għall-klijenti tagħha', hija ġid tal-Gvern ta' Malta, u li filwaqt li l-attriċi ma kellhiex xi permess għal parkeġġ, ix-xogħlijiet f'dik il-parti ma setgħux isiru fi żmien ieħor tas-sena minħabba li dawk l-imkejjen jintlaqtu ħażin fil-maltemp. Minbarra li ċaħdet li hija b'xi mod jew ieħor għalqet jew fixklet l-aċċess għall-ħanut tal-attriċi, saħqet li hija wettqet ix-xogħol bir-reqqa, u b'mod studjat, u li b'hekk hija ma kellhiex tinżamm responsabbli għal dak imfittex mill-kumpanija attriċi;

8. Billi l-Ewwel Qorti qablet mal-korporazzjoni mħarrka u ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi, l-istess attriċi qiegħda issa tappella minn dik is-sentenza u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jiġu mfissra fil-qosor fil-paragrafi li jmiss;

9. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti tibda billi tfisser li l-qofol ta' din il-kawża huwa dwar jekk il-korporazzjoni appellata wettqitx ix-xogħlijiet infrastrutturali b'mod diliġenti, u dwar x'effetti dawk ix-xogħlijiet kellhom

[5] F'paġna 6 sa 7 tal-proċess.

fuq in-negozju tagħha. Tilmenta li minn ħarsa lejn is-sentenza appellata 'jidher biċ-ċar' li l-Ewwel Qorti sejset il-konklużjonijiet tagħha fuq konsiderazzjonijiet li huma 'għal kollox żbaljati' u li naqset milli tqis provi importanti. F'dan is-sens, tirreferi għall-Artikoli 1030 sa 1037 tal-Kodiċi Ċivili u targumenta li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-korporazzjoni appellata responsabbli għad-danni billi ma għamlitx użu tal-jeddijiet tagħha "fil-qies li jmiss", u naqset milli turi l-għaqal u "l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja", għaliex mill-provi rriżulta li: (i) kien hemm dewmien żejjed fit-twettiq tax-xogħlijiet, (ii) il-metodi mħaddma mill-korporazzjoni wasslu biex ma ħallewx aċċess xieraq għall-klijenti tagħha; u (iii) matul ix-xogħlijiet inqatgħu "xi *cables*" u l-ħanut spiċċa "bla dawl", bil-konsegwenza li dan kollu wassal biex naffar lill-klijentela tagħha, u ġarrbet telf kbir fid-dħul mill-bejgħ;

10. Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-argumenti dwar <u>id-dewmien żejjed fit-twettiq tax-xogħlijiet</u>, l-appellanti tosserva li mill-provi ħareġ "biċ-ċar" li l-proġett dam aktar milli maħsub, u targumenta li l-korporazzjoni appellata kellha tinżamm responsabbli għal dak id-dewmien. F'dan is-sens tirreferi għax-xhieda tal-Perit Mario Scicluna, u sewwasew lejn dik il-parti li fiha stqarr li, fl-inħawi ta' fejn kien hemm il-ħanut tagħha, il-korporazzjoni ltaqgħet ma' problema li ma kienx mistenni minħabba l-pedamenti tal-pont ta' Triq Reġjonali, u li b'konsegwenza t'hekk il-proġett kollu li kien mistenni li jieħu sena, tlesta fi żmien sena u xahrejn. Skont l-appellanti,

din hija prova li x-xogħol dam lil hinn miż-żmien stipulat u li b'hekk kien hemm negliġenza min-naħa tal-korporazzjoni appellata;

11. Dwar it-tfixkil fl-aċċess għall-ħanut, l-appellanti mbagħad tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti importanza biżżejjed lir-ritratti li ressqet[6] għall-kunsiderazzjoni ta' dik il-Qorti. Skont l-appellanti, minn dawk ir-ritratti jidher li l-ħanut kien tassew 'prattikament imbarrat bil-ġebel', u mdawwar bit-trakkijiet u inġenji, li tgħid li 'tħallew għal xhur twal' quddiem l-istess ħanut u mal-madwar, u li skontha wasslu biex għamluha 'impossibbli' għall-klijenti tagħha sabiex jaċċedu għall-ħanut, jew minn tal-inqas jaraw b'għajnejhom il-bieb tal-ħanut. B'rabta ma' dan, tirreferi kemm għax-xhieda tal-Perit Mario Scicluna, kif ukoll għax-xhieda tal-Perit Emmanuel Żammit, tal-24 ta' Ottubru, 2014, u targumenta li mix-xhieda ta' dawn it-tnejn jirriżulta li l-inħawi ta' fejn kien hemm il-ħanut tagħha kienu f'ċertu mumenti inaċċessibli għal kollox, filwaqt li f'mumenti oħrajn l-aċċess kien diffikultuż minħabba l-inġenji, tħaffir, u ġebel kbir li kien hemm. Iżżid li dawn ix-xhieda wkoll ikkonfermaw li kien hemm trakkijiet għaddejjin, '*barriers*' u ħaddiema tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li kienu 'jwaqqfu lill-klijenti milli jaċċedu'. Tgħid li għalhekk ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li "*fl-ebda waqt ma ġew ingumbrati kompletament l-entraturi tal-ħanut*", u ttenni li għall-kuntrarju ta' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, ir-ritratti mressqa minnha juru mod ieħor. Filwaqt li targumenta li

[6] Ara paġ. 47 tal-proċess

dan kollu juri kemm il-korporazzjoni appellata ma mxietx fil-qies li jmiss, iżżid li l-korporazzjoni appellata naqset ukoll milli timxi mal-ftehim verbali sabiex l-'*access road*' li twassal għall-'parkeġġ' ta' quddiem il-ħanut ma tinqalax kollha f'daqqa, biex b'hekk il-klijenti kienu jkunu jistgħu jipparkjaw xorta waħda ħdejn il-ħanut, u l-ħanut jibqa' aċċessibbli;

12. B'żieda ma' dan, targumenta li l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti, li hija kien messha niżżlet ix-xogħol li kellha fis-sular ta' fuq, għas-sular li jinsab f'livell ma' Triq il-Wied, sabiex kemm jista' jkun tnaqqas id-danni, hija wkoll żbaljata. F'dan is-sens terġa' tirreferi għar-ritratti, kif ukoll għall-affidavit ta' Mark Micallef, li tgħid li minnhom 'jidher ċar' li 'x-xogħol kien imqassam fuq diversi sulari' tal-binja, u dan imieri dak li qalet l-Ewwel Qorti, u sewwasew li hija kienet tuża biss it-tielet sular tal-binja li kien imiss mas-'*service road*' li tagħti għal Triq Reġjonali. Iżżid li f'kull każ, it-tali 'soluzzjoni' lanqas ma kienet waħda tajba, għaliex id-dħul għall-ħanut min-naħa ta' Triq il-Wied ukoll ma kienx prattiku, u fuq kollox, hija kienet qed tħallas il-kera għall-istabbiliment kollu u mhux għall-parti minnu biss;

13. L-appellanti żżid li n-negliġenza min-naħa tal-korporazzjoni appellata jew il-kuntratturi li tqabbdu minnha, tirriżulta wkoll mill-fatt li waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet kien hemm 'episodju' li fih inqatgħu xi '<u>*cables tad-dawl*</u>' u 'l-ħanut spiċċa bla dawl', bil-konsegwenza li dan il-

fattur, flimkien mal-oħrajn, wasslu biex gerrxu lill-klijenti mill-ħanut tagħha;

14. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellanti tikkontesta l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma ġiex ippruvat in-ness ta' kawżalità meħtieġ bejn l-imġiba tal-korporazzjoni appellata u d-danni mġarrba mill-appellanti. Targumenta li hija ġabet biżżejjed provi li minnhom jidher kif hija ġarrbet tnaqqis qawwi fil-bejgħ, u dan fl-istess żmien li matulu kien qiegħed isir it-tħaffir qrib l-istabbiliment tagħha. F'dan is-sens tirreferi kemm għax-xhieda tal-konsulent maniġerjali tagħha Dr. Charles Attard, kif ukoll għall-provi dokumentarji dwar il-bejgħ, li tgħid li lkoll juru kif minn Lulju 2006 'il quddiem, il-bejgħ naqas drastikament meta mqabbel mat-tlett xhur ta' qabel. Tgħid ukoll li fiż-żmien li fih kienu qed isiru x-xogħlijiet, ix-xogħol mhux suppost li naqas u li minflok kellu jiżdied minħabba s-'*sales*' u l-ftuħ tal-iskejjel. Fil-qafas ta' dan kollu, ittenni li ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-korporazzjoni appellata ma wettqitx ix-xogħlijiet b'għaqal, prudenza u fil-qies li jmiss, u targumenta li ġaladarba li anke dik il-Qorti osservat, li waqt li kienu qed jitwettqu x-xogħlijiet hija rat tassew nuqqas ta' qligħ, il-korporazzjoni appellata kellha tinżamm responsabbli għal dak it-telf;

15. Il-Qorti, wara li wieżnet l-argumenti kollha tal-appellanti fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti proċesswali kif ukoll fil-qafas ta' dak kollu li ntqal fis-sentenza appellata u fit-tweġiba għall-appell tal-korporazzjoni

appellata, tqis li l-ilmenti li qed jitressqu mill-kumpanija appellanti mhumiex mistħoqqa, u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jitfissru fil-paragrafi li jmiss;

16. Bħala daħla, jixraq li jiġi osservat li r-riga li biha għandha titkejjel ir-responsabbiltà tal-Gvern jew entitajiet pubbliċi għad-danni hija l-istess waħda li biha tiġi mistħarrġa r-responsabbiltà u l-ħtija akwiljana ta' kull individwu privat[7]. Hemm tabilħaqq qbil fil-ġurisprudenza li daqskemm l-artikoli 1029, 1030, 1031, 1032, u 1033 jgħoddu għar-responsabbiltà tal-individwi għad-danni, jgħoddu daqstant ieħor għar-responsabbiltà tal-Gvern jew l-entitajiet tiegħu[8]. Huwa wkoll aċċettat li minn dawn l-artikoli, li għandhom jinqraw flimkien[9], joħroġ li mhux kull ħsara li sseħħ bl-għemil ta' persuna tagħti lill-persuna mġarrba r-rimedju tal-kumpens għad-danni[10]. Tassew, huwa biss kull min fl-għemil jew in-nuqqas t'għemil tiegħu jikser xi dmir impost bil-liġi[11], jew inkella ma jużax il-prudenza, diliġenza jew ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja li għandu jitqies 'ħati' għall-

[7] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Francesco Psaila et. v. Direttur Ġenerali (Drainage Department) et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-**27 ta' Ottubru, 2005**, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija. (mhux appellata).

[8] Ara ***Hugh P. Zammit noe et. v. Direttur tat-Toroq u Malta Development Coproration,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-**23 ta' Jannar, 2004**, (App. Ċiv. 609/1998/1PS), u ***Fiorino d'Oro Co. Ltd v. Direttur tat-Toroq,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-**16 ta' Jannar 2003**, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2006. (Ċit. 1781/2001/1TM).

[9] Ara ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-**19 ta' Ġunju, 2012**, u kkonfermata minn din il-Qorti fil-**24 ta' Ġunju, 2016** (Ċit. 222/1996/1MCH). Ara wkoll: ***Joseph Sammut et. v. Carmelo sive Charles Scerri et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-**6 ta' Ottubru, 2020** (App.Ċiv.753/13), u ***Joanna Briffa v. Spinola Development Company Limited***, deċiża minn din il-Qorti fid-**9 ta' Jannar, 2009**. (App. Ċiv. 755/01/1).

[10] Ara ***Paul Micallef v. Il-Kontrollur tad-Dwana,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-**31 ta' Ottubru, 2012**, u kkonfermata fl-appell fit-**28 ta' April, 2017** u ***Edoardo Pagani v. Sadeen Education Investment Limited et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-**16 ta' Settembru, 2022** (Rik. 94/2018CFS) (appellata) §70.

[11] Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili

ħsara li tiġri bl-azzjoni jew l-omissjoni tiegħu[12]. Fin-nuqqas t'hekk, u f'każ li persuna tagħmel użu ta' xi jedd tagħha "*fil-qies li jmiss*", dik il-persuna ma tistax tiġi mġiegħla li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tista' tirriżulta mill-għemil tagħha[13], u dan anke wkoll fuq is-saħħa tal-prinċipju tad-dritt Ruman li "*qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere*"[14];

17. Bi tħaddim ta' dan kollu għall-ilmenti tal-appellanti, il-Qorti tqis li imbilli l-kumpanija appellanti ressqet prova li fiż-żmien li matulu kienu qed jitwettqu x-xogħlijiet biswit il-ħanut tagħha, hija rreġistrat tnaqqis fil-bejgħ u fid-dħul meta mqabbel mat-tlett xhur ta' qabel ma bdew ix-xogħlijiet, dan il-fatt waħdu ma jagħmilx lill-korporazzjoni appellata responsabbli għal dak it-tnaqqis. Kif ġie osservat tajjeb mill-Ewwel Qorti, kien jaqa' fuq il-kumpanija rikorrenti li tipprova li l-korporazzjoni appellata, aġixxiet lil hinn mill-qies li jmiss, jew inkella li waqt it-twettiq tax-xogħlijiet ma wżatx il-prudenza, għaqal jew il-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex kemm jista' jkun dawk ix-xogħlijiet ma jtellfux in-negozju tal-kumpanija appellanti u jsiru tajjeb u bla tnikkir. Tabilħaqq, hija l-parti attriċi f'kawża li għandha tipprova li l-parti mħarrka qabżet il-limiti msemmija fl-Artikolu 1030, u mhux bil-kontra[15];

---

[12] Aritkolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Ara wkoll ***Michael D'Amato v. Filomena Spiteri et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**3 ta' Ottubru, 2003** (Ċit. 886/1993/2PS) (mhux appellata) u ***Carmel u Carmen konjuġi Ellul v. Emmanuel Camilleri et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2022, (Rik. 270/2018CFS) (mhux appellata) § 36.

[13] Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.

[14] Ara ***Emanuele Camilleri et. v. Marcel Grima et.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**1 ta' Frar, 2008** (App. Ċiv. 39/1976/1).

[15] Ara ***Paul Micallef v. Il-Kontrollur tad-Dwana,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**28 ta' April, 2017**, u l-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija.

18. Kemm f'dan il-qafas, kif ukoll fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti proċesswali, il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti li hija b'xi mod jew ieħor rnexxielha tipprova r-rabta meħtieġa ta' kawżalità u sewwasew li l-korporazzjoni appellata wettqet ix-xogħlijiet b'tali mod u manjiera li ma wżatx il-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja jew inkella m'għamlitx użu tal-jeddijiet tagħha "*fil-qies li jmiss*", u dan minħabba: (i) id-dewmien 'żejjed' fix-xogħlijiet, (ii) l-imblukkar jew tixkil fl-aċċess tal-ħanut, u (iii) il-qtugħ tal-provvista tad-dawl minħabba qtugħ ta' *'cables'* tad-dawl waqt it-twettiq tax-xogħlijiet;

19. Safejn għandu x'jaqsam mal-**<u>ilment li x-xogħlijiet damu aktar miż-żmien stipulat</u>**, il-Qorti tqis li dak li jgħodd għall-każ tal-appellanti mhuwiex iż-żmien ta' kemm dam il-proġett kollu biex tlesta, iżda sewwasew kemm damu dawk ix-xogħlijiet li setgħu jaffettwaw l-aktar lin-negozju tal-appellanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, li x-xogħlijiet biswit il-ħanut tal-appellanti, u sewwasew f'dik il-parti tas-'*service road*' li l-appellanti qed tgħid li kienet tintuża bħala parkeġġ mill-klijenti tagħha, ma damux aktar minn xahrejn[16]. Kemm hu hekk, filwaqt li r-rappreżentant tal-kumpanija appellanti stess stqarr li x-xogħlijiet f'dik iż-żona nbdew fl-10 ta' Ġunju, 2006,[17] min-naħa l-oħra, mix-xhieda ta' Mario

[16] F'paġna 6 tas-sentenza appellata.
[17] Ara l-affidavit ta' Mark Micallef, 'Dok MM', f'paġna 39 tal-proċess.

Scicluna[18], Emmanuel Żammit[19] u Rafael Buttiġieġ[20] irriżulta li dik il-fażi tal-proġett tlestiet minn kollox, inkluż mill-asfalt, sal-11 ta' Awwissu tas-sena 2006. Dwar jekk dan iż-żmien setax fiċ-ċirkustanzi jitqies 'raġonevoli' jew le, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti naqset għal kollox milli tlaħħam l-ilment tagħha b'argumenti sodi. L-unika argument li ressqet fir-rigward huwa biss li mill-provi rriżulta li l-proġett kollu dam xahrejn aktar milli kien skedat. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt waħdieni li xi proġett idum aktar milli kien oriġinarjament maħsub ma jfissirx li dak ix-xogħol dam aktar milli kien meħtieġ. Kien għalhekk imiss lill-appellanti li fir-rikors tal-appell tfisser sewwa għalfejn, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li x-xogħlijiet tlestew fi żmien raġonevoli u ma damux aktar milli kien meħtieġ[21]. L-appellanti m'għamlitx hekk, u għalhekk ma tistax tistenna lil din il-Qorti li tagħmlilha xogħolha jew inkella li tbiddel minn jeddha l-apprezzament tal-fatti li twettaq mill-Ewwel Qorti;

20. F'kull każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-apprezzament imwettaq mill-Ewwel Qorti kien żbaljat. Għalkemm ir-rappreżentant tal-kumpanija

[18] Ara x-xhieda ta' Mario Scicluna mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2011, f'paġna 562 tal-proċess u l-kontroeżami tal-istess xhud, li sarlu waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2013, f'paġna 652 tal-proċess.

[19] Ara l-affidavit ta' Emanuel Zammit, 'Dok DD1', f'paġna 573 tal-proċess, u t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-istess xhud waqt is-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014, f'paġna 733 tal-proċess.

[20] Ara l-affidavit ta' Rafael Buttigieg, 'Dok DD2', f'paġna 575 tal-proċess.

[21] Fis-sentenza ta' ***Fiorino d'Oro Co. Ltd v. Direttur tat-Toroq,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**16 ta' Jannar 2003** u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**17 ta' Frar, 2006**, ingħad li sakemm ix-xogħlijiet ikunu twettqu b'mod diliġenti u bl-anqas inkonvenjent possibbli, il-Gvern jew l-entitajiet tiegħu mhumiex obbligati li jħallsu kumpens ***"għaż-żmien li kien meħtieġ biex il-proġett jitwettaq".***

appellanti kif ukoll is-sieħba tiegħu ta' dak iż-żmien stqarrew b'affidavit li l-kuntrattur imqabbad mill-korporazzjoni appellata għamel madwar erba' ġimgħat ma jersaq fuq il-lant tax-xogħol[22], din l-asserzjoni ġiet miċħuda kemm mill-Perit Emmanuel Żammit[23] u Rafael Buttiġieġ,[24] kif ukoll mill-Inġinier Peter Grima[25], li lkoll kemm huma stqarrew bil-ġurament tagħhom li x-xogħlijiet li qed tilmenta dwarhom l-appellanti twettqu b'ċertu ħeffa, b'mod kontinwu, u tlestew fl-iqsar żmien possibbli. Il-Qorti jidhrilha li ma kien hemm l-ebda ċirkostanzi li kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti biex temmen il-verżjoni tar-rappreżentanti tal-appellanti fuq dik tax-xhieda tal-appellati, u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li l-appellanti seħħilha li tipprova li x-xogħol li qed tilmenta dwaru dam aktar milli meħtieġ. Kieku riedet, l-appellanti setgħet tressaq xhieda 'indipendenti' bħal sidien ta' negozji oħra fl-istess inħawi jew inkella xi wħud mill-ħaddiema li kienu jaħdmu magħha f'dak il-ħanut, f'dawk l-istess żminijiet. Setgħet ukoll titlob il-ħatra ta' perit tekniku sabiex jesprimi l-fehma professjonali tiegħu dwar kemm kien mistenni li jdumu xogħlijiet ta' dik ix-xorta. L-appellanti m'għamlet xejn minn dan, u għalhekk m'huwiex ġust li issa qed tattakka l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward;

---

[22] Ara l-affidavit ta' Mark Micallef, 'Dok MM', f'paġna 40 tal-proċess, u l-affidavit ta' Josephine Caruana, 'Dok JC', f'paġna 44 tal-proċess.

[23] Ara l-affidavit ta' Emanuel Zammit, 'Dok DD1', f'paġna 573 tal-proċess, u t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-istess xhud waqt is-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014, f'paġna 733 tal-proċess.

[24] Ara l-affidavit ta' Rafel Buttigieg, 'Dok DD2', f'paġna 575 tal-proċess.

[25] Ara l-affidavit ta' Peter Grima, 'Dok PG', f'paġna 165 tal-proċess.

21. Hekk ukoll, din il-Qorti lanqas ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li, mill-ġabra sħiħa tal-provi, l-appellanti ma seħħilhiex tipprova li x-xogħlijiet imwettqa fuq struzzjonijiet tal-korporazzjoni appellata, xekklu jew imblukkaw l-**<u>aċċess għall-istabbiliment li kien mikri lilha</u>**;

22. Fl-ewwel lok, u sa fejn l-appellanti qed tirreferi għar-ritratti li tressqu minnha f'envelop f'paġna 47 tal-proċess, il-Qorti, wara li fliet ir-ritratti kollha, jidhrilha li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament tajjeb ta' dawk ir-ritratti. Kuntrarjament għal dak li qed tissuġġerixxi l-appellanti, minn dawk ir-ritratti u speċjalment minn 'Dok 5', 'Dok 6', 'Dok 8', 'Dok 9', 'Dok 15', 'Dok 16', u 'Dok 20'[26], jidher biċ-ċar li l-parapett imdaqqas ta' quddiem id-daħla tal-ħanut li tiġi faċċata ta' Triq Reġjonali, ma kienx mimsus, u li saħansitra kien għadu aċċessibbli bil-mezz ta' vetturi, tant li mir-ritratti 'Dok 5' Dok 6', u 'Dok 8', jidher ipparkjat il-vann tal-appellanti. Naturalment, li kieku l-aċċess għas-'*service-road*' kien imblukkat, dak il-vann ma seta' qatt ipparkja hemm! Anke safejn għandhom x'jaqsmu r-ritratti li juru d-daħla min-naħa ta' Triq il-Wied, il-Qorti rat li għalkemm huwa minnu li mir-ritratti mmarkati bħala 'Dok 3' u 'Dok 4', jidher xi ġebel kbir fl-art, mill-istess ritratti, u speċjalment dak meħud mill-angolu ta' 'Dok 3', jidher kif id-daħla tal-ħanut ma kinitx imblukkata u li kemm il-ħanut kif ukoll il-vetrini tiegħu baqgħu faċilment jidhru għall-għajn tal-pubbliku.

[26] Dawn ir-ritratti jinsabu ġewwa envelop f'paġna 47 tal-proċess.

Għandu wkoll jiġi osservat li mir-ritratt immarkat bħala 'Dok 3', jidher li l-aċċess għall-vetturi fi Triq l-Imsida ma kienx mittiefes u dan anke waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet tal-iskavar. Jiġi b'hekk li r-ritratti li qed tirreferi għalihom l-appellanti, mhux talli ma jsaħħux il-każ tagħha, anzi, juru stampa ferm differenti minn dik imfissra minnha;

23. Fit-tieni lok, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-appellanti tista' b'xi mod jew ieħor tippretendi li hija ppruvat il-każ tagħha fuq is-saħħa ta' dak li ntqal mill-Perit Mario Scicluna jew inkella mill-Perit Emmanuel Żammit. Fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2011,[27] il-Perit Mario Scicluna xehed li d-daħla ta' fuq tal-istabbiliment ma kinitx ingħalqet għaliex kienet tiġi qabel il-blokok li tpoġġew. Hekk ukoll, fix-xhieda ulterjuri mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2011[28], l-istess perit, wara li mmarka fuq pjanta fejn kienu l-entraturi tal-ħanut tal-appellanti, u wera ż-żona li kienet ġiet skavata[29], ikkonferma li dawk l-entraturi ma ġewx imblokkati mill-korporazzjoni. B'żieda ma' dan kollu, fil-kontro-eżami li qed tirreferi għalih l-appellanti, il-Perit Scicluna għamilha ċara li "*[m]a naqbilx li l-entratura tan-naħa ta' fuq ma setgħetx tintuża*", u filwaqt li kkonferma li l-parapett ta' quddiem il-ħanut ma kienx intmess, huwa żied jgħid li ma kienx hemm problema biex wieħed jaċċedi għalih b'vettura[30]. Barra minn hekk, fil-kontro-eżami ulterjuri li sarlu waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2013[31], dak l-istess perit,

---

[27] F'paġna 562 tal-proċess.
[28] F'paġna 567 tal-proċess.
[29] Ara l-pjanta tas-sit, f'paġna 569 tal-proċess
[30] Ara l-kontroeżami ta' Mario Scicluna, f'paġna 646 tal-proċess
[31] F'paġna 652 tal-proċess.

minbarra li tenna li ma kien sar l-ebda xogħol mill-parapett tal-ħanut ’il ġewwa, ressaq ukoll ritratt sabiex isaħħaħ dak li kien qed jgħid, u mmarka dik iż-żona li minnha ’l ġewwa ma kinitx affetwata bix-xogħlijiet[32];

24. Daqstant ieħor ma tista’ tkun tal-ebda fejda għall-appellanti x-xhieda tal-Perit Emmanuel Żammit. Fil-kontro-eżami li qed tirreferi għalih l-appellanti, dak il-perit mhux biss żamm sod mal-verżjoni li niżżel fl-affidavit tiegħu[33], iżda wkoll ikkorrobora dak li qal il-Perit Mario Scicluna u sewwasew li s-‘*service road*’ li kienet twassal għad-daħla ta’ fuq tal-ħanut tal-appellanti, baqgħet aċċessibli għal kulħadd, inkluż għall-klijenti tas-‘*Shoe Market*’, li jfisser li kien jarahom b’għajnejh stess deħlin hemmhekk[34]. Għalkemm huwa minnu li dak ix-xhud stqarr li ġieli tqiegħdu xi ‘*barriers*’, huwa fisser li dawk il-‘*barriers*’ kienu tal-ħadid u mhux permanenti, u filwaqt li qal li dawn kienu jkunu hemm għal ftit tal-ħin, huwa kkonferma li dawk il-‘*barriers*’ la kienu jimblokkaw id-daħla tal-ħanut u lanqas kienu jżommu lill-vetturi milli jaslu sa ħdejh[35]. L-istess perit ikkonferma li ma kien hemm xejn x’seta’ jżomm lil min ried jipparkja fit-telgħa li kienet tagħti għad-daħla ta’ fuq tal-ħanut tal-appellanti, u kemm hu hekk, stqarr li huwa stess kien jipparkja hemmhekk bla xkiel ta’ xejn meta kien jitla’ jissorvelja x-xogħlijiet[36]. Ta’ min jgħid ukoll li din l-osservazzjoni tal-aħħar saret ukoll minn Rafael Buttiġieġ li, bħall-Perit

[32] Ara ‘Dok MSX3’, f’paġna 654 tal-proċess.
[33] Ara l-affidavit tal-Perit Żammit, ‘Dok DD1’, f’paġna 572 tal-proċess.
[34] Ara l-kontroeżami tal-Perit Żammit, f’paġni 733 sa 734 tal-proċess.
[35] *Ibid*, f’paġna 734 tal-proċess.
[36] *Ibid*.

Scicluna, tenna li wieħed seta' jipparkja fit-telgħa li kienet tagħti għal fejn kien qed isir it-tħaffir, u li għalhekk ma kien xejn minnu li ma kienx fadal post fejn wieħed seta' jipparkja bil-vettura[37];

25. Fit-tielet lok, huwa wkoll mingħajr l-ebda bażi l-ilment tal-appellanti li mill-provi ħareġ li waqt ix-xogħlijiet kien ikun hemm xi ħaddiema tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li kienu "*jwaqqfu lill-klijenti milli jaċċedu*" għall-ħanut. Dak li qed jgħidu l-appellanti ma jirriżultax mill-atti proċesswali, u filwaqt li huwa minnu li l-Perit Żammit f'waqt minnhom tal-kontro-eżami stqarr li ġieli kien ikun hemm xi uffiċjali tat-traffiku li kienu jidderieġu t-traffiku, dan qatt ma qal li dawk l-uffiċjali kienu jżommu lill-kljienti milli jgħaddu lejn il-ħanut tal-appellanti[38]. Anzi, bil-kuntrarju, u minn kif diġà ġie osservat fil-paragrafu ta' qabel dan, dak ix-xhud saħaq b'mod konsistenti li l-aċċess lejn il-ħanut tal-appellanti ma kienx imxekkel u li kien baqa' aċċess għall-vetturi sad-daħla ta' fuq tal-ħanut;

26. Fir-raba' lok, u sa fejn għandu x'jaqsam l-aċċess għad-daħla li tagħti għal Triq il-Wied, il-Qorti rat li għalkemm veru li mir-ritratti kif ukoll mix-xhieda, jirriżulta li kien hemm xi waqtiet li tqiegħed xi ġebel kbir biswit dik id-daħla, mir-ritratti, jidher li dak il-ġebel ma kienx qiegħed jimblokka dik l-entrata bil-mod ta' kif qed jiġi suġġerit mill-appellanti[39]. Barra minn

[37] Ara l-affidavit ta' Rafael Buttiġieġ, 'Dok DD2', f'paġna 574 tal-proċess.
[38] Ara l-kontroeżami tal-Perit Żammit, f'paġna 733 tal-proċess.
[39] Ara paragrafu 22 ta' din is-sentenza.

hekk, kemm mix-xhieda tal-Perit Żammit[40], kif ukoll minn dik ta' Rafael Buttiġieġ[41] jirriżulta li dak il-ġebel ma damx hemmhekk għal aktar minn ġimgħa, u li fuq kollox ma tħalliex hemm b'kapriċċ;

27. Din il-Qorti lanqas ma ssib xejn irraġonevoli fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellanti ma seħħilhiex turi li r-rappreżentanti tagħha għamlu xi ftehim verbali mar-rappreżentanti tal-korporazzjoni appellata jew inkella mal-kuntrattur li wettaq ix-xogħlijiet, sabiex il-parti ta' fuq tas-'*service road*' ma tinqalax kollha f'daqqa, u minflok tinqala' biċċa biċċa. Mill-atti jirriżulta li l-verżjoni tax-xhieda tal-atturi[42] ġiet kontradetta mill-verżjoni tax-xhieda tal-konvenuti[43], u meta jitqies kollox ma' kollox, speċjalment il-fatt li x-xogħol kien qiegħed isir f'żona li hija magħrufa sewwa għall-għarar mal-iċken maltempata, il-Qorti jidhrilha li huwa tassew inverosimili li l-korporazzjoni appellata kienet ser tagħmel xi ftehim bħal dak suġġerit mill-appellanti, li bla dubju ta' xejn kien ser idewwem aktar ix-xogħlijiet. Fuq kollox, l-appellanti lanqas ma ressqet xi prova li biha wriet kif u x'fatta x-xogħlijiet setgħu tassew jiġu maqsuma bil-mod ta' kif pretiż minnha, u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li l-

---

40 Ara l-affidavit tal-Perit Żammit, 'Dok DD1', f'paġna 573 tal-proċess.

41 Ara l-affidavit ta' Rafael Buttiġieġ, 'Dok DD2', f'paġna 574 tal-proċess.

42 Ara l-Affidavit ta' Mark Micallef, 'Dok MM', f'paġna 39 tal-proċess. Ara wkoll: (i) l-affidavit ta' Josephine Caruana 'Dok JC', f'paġna 43 tal-proċess, u (ii) l-affidavit ta' Wilfred Mifsud, 'Dok WM', f'paġna 45. Għandu jiġi osservat li dawn l-aħħar tnejn ma qalux li kienu preżenti għal-laqgħa li qed jingħad li saret, u x-xhieda tagħhom hija biss '*detto del detto*'.

43 Ara (i) l-affidavit ta' Emanuel Zammit, 'Dok DD1', f'paġna 572 tal-proċess; (ii) l-affidavit ta' Rafael Buttiġeġ, 'Dok DD2', f'paġna 574 tal-proċess; (iii) u l-affidavit ta' Peter Grima, 'Dok PG', f'paġna 615 tal-proċess.

korporazzjoni ma wrietx l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja meta qalgħet dik iż-żona f'daqqa;

28. Daqstant ieħor din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fil-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fejn qalet li, jekk riedet, l-appellanti setgħet faċilment ittrasferiet imqar temporanjament il-qalba tan-negozju tagħha fis-sular t'isfel li jmiss ma' Triq il-Wied u dan dejjem jekk dehrilha li x-xogħlijiet kienu b'xi mod jew ieħor qegħdin inaffru lill-klijenti tagħha milli jitilgħu għas-'*service road*' li kienet tagħti għad-daħla ta' fuq. Filwaqt li din il-konsiderazzjoni hija waħda leġittima u ssib l-għeruq tagħha fl-obbligu legali ta' kull danneġjat li jimminimizza d-danni kemm jista' jkun[44], l-istess konsiderazzjoni hija wkoll siewja mil-lat fattwali u dan għaliex, kuntrarjament għal dak li qed jingħad fir-rikors tal-appell, mir-ritratti li tressqu mill-appellanti jirriżulta kif mit-triq, l-ewwel u t-tieni sular kienu tassew jidhru vojta[45]. Wara kollox, dan l-istat ta' fatt ġie mistqarr mir-rappreżentant tal-appellanti, li b'affidavit maħluf minnu fil-11 ta' Novembru, 2006[46], fisser li l-ħanut kien jopera biss mit-tielet sular, u li "*ż-żewġ sulari ta' taħt sal-lum ma jintużawx*". Bl-istess mod, Josephine Caruana, li dakinhar kienet is-sieħba ta' Mark Micallef, stqarret ukoll li "*l-ewwel u t-tieni sular, li huma dawk li wieħed jaċċedi għal ġo fihom meta*

[44] Ara ***Albert Farruġia v. Simon Galea,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-**12 ta' Frar, 2010** (App. Ċiv. 723/2008/1PS.
[45] Ara 'Dok 2' sa 'Dok 5', f'paġna 47 tal-proċess.
[46] 'Dok MM', f'paġna 38 tal-proċess.

*tidħol mill-entratura ta' Valley Raod, m'hemm xejn u ma konniex nużawhom*"[47];

29. Hekk ukoll, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellanti meta qed targumenta li n-negliġenza min-naħa tal-korporazzjoni appellata jew dik tal-kuntratturi mqabbda minnha tkompli tirriżulta hekk kif jiġi meqjus 'l-episodju' tal-**qtugħ tal-*'cables tad-dawl'***. Għalkemm huwa minnu li hekk kif kien qed jiġi kontroeżaminat fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014,[48] il-Perit Żammit ammetta li, f'waqt partikolari tal-proġett, kienu ntlaqtu "*cable oħxon li kien jagħti supply lil Għawdex u lil Paceville*", min-naħa l-oħra, ma tressqet l-ebda prova fl-atti li turi li l-qtugħ ta' dan il-'*cable*' wassal għall-qtugħ tal-provvista tad-dawl fl-istabbiliment li kien mikri mill-appellanti. Kif qed jingħad sewwa mill-korporazzjoni appellata fit-tweġiba tagħha għall-appell, l-ilment waħdieni li tressaq mir-rappreżentanti tal-appellanti kien dwar il-qtugħ tas-servizz tal-linja tat-telefon[49] li, f'dak iż-żmien, kienet ukoll isservi għall-*internet*, u għalhekk anke dan l-ilment mhuwiex mistħoqq;

30. L-ebda ilment tal-appellanti m'huwa għalhekk mistħoqq, u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet legali li ngħataw aktar kmieni[50], huwa kollu ta' xejn

---

[47] Ara l-affidavit ta' Josephine Caruana, 'Dok JC', f'paġna 43 tal-proċess.

[48] F'paġna 733 tal-proċess.

[49] Ara l-affidavit ta' Mark Micallef, 'Dok. MM', f'paġna 41 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Elton Taliana, f'paġna 516 tal-proċess, kif ukoll 'Dok ET1', u 'Dok ET2', li huma kopja ta' żewġ rapporti li saru minn Mark Micallef lill-pulizija eżekuttiva, f'paġni 517 sa 521 tal-proċess.

[50] F'paragrafi 16 sa 18 ta' din is-sentenza.

li l-appellanti qed tibqa' tirreferi għal dawk il-provi li juru kif fiż-żmien li fih kienu qed jitwettqu x-xogħlijiet, hija rreġistrat tnaqqis fil-bejgħ meta mqabbel mat-tlett xhur ta' qabel, li matulhom kien għadha kif fetħet dak il-ħanut;

***Deċide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi:

**<u>Tiċħdu</u>** u b'hekk **<u>tikkonferma</u>** għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi; u

**<u>Tordna</u>** li l-**ispejjeż** tal-ewwel istanza jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandha tbatihom il-kumpanija attriċi appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr